**9 ta' Marzu, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Anthony Mallia

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

**Arrest – Libertà Provviżorja – Kostituzzjoni – Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem**

*Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti illi l-fatt illi r-rikorrent inżamm taħt arrest għall-perijodu in kwistjoni kien jikkostitwixxi ksur ta' l-art. 39(3) tal-Kostituzzjonu u ta' l-art 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Ir-rikors ipprezentat quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kien jgħid illi Anthony Mallia – ir-rikorrent – kien ġie pprezentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fid-19 ta' Ottubru, 1990, fuq akkużi ta' pussess u spaċċ ta' drogi (eroina) u li sat-2 ta' Mejju, 1991 – meta pprezenta r-rikors – kien inżamm arrestat u ma ngħatax il-libertà provviżorja għalkemm kien talabha diversi drabi. Huwa talab il-Qorti li tiddikjara li dan in-nuqqas ta' libertà għal żmien hekk twil jilledi d-drittijiet kontemplati fl-artikolu 5(3) u (4) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-artikolu 39(3) tal-Kostituzzjoni, barra l-artikolu 401 tal-Kodiċi Kriminali;

Dik l-Onorabbli Qorti fl-24 ta' Lulju, 1991 iddeċidiet ir-rikors u qalet: –

"Miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jidher li din il-Qorti għandha tissoleċita lill-Qorti tal-Maġistrati li quddiemha r-rikorrenti jinsab akkużat skond ma jidher mill-atti tal-proċess kriminali li kopja tagħhom tinsab annessa fil-proċess odjern, biex tieħu l-passi possibbli ħalli l-każ jiġi determinat, u fiċ-ċirkostanzi r-rikorrent għandu jingħata l-libertà provviżorja taħt kondizzjoni ta' garanzija adegwata għall-każ u dan anki fid-dawl tal-ġurisprudenza riċenti dwar il-materja; anke peress li din il-Qorti m'għandha ebda prova li fuqha tista' tibbaża deċiżjoni dwar din

il-garanzija jkun xieraq li tkun l-istess Qorti Kriminali tal-Maġistrati li tagħti d-deċiżjoni relattiva;

Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel domanda tar-rikorrent u dwar it-tieni u t-tielet talba tastjeni milli tiddeċidi dwarhom peress *li ma tressqux quddiemha* l-*provi opportuni però t-talba* għal-libertà provviżorja ta' Anthony Mallia għandha tiġi deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-dawl tad-deċiżjoni dwar l-ewwel domanda u tal-provi li saru ta' kull prova oħra li tkun xierqa u opportuna u għal dan il-fini tordna li, a kura ta' l-Aġent Reġistratur, kopja ta' din is-sentenza tiġi mgħoddija lill-imsemmija Qorti sabiex tagħti l-provvedimenti opportuni dwar it-talba għal-libertà provviżorja'';

L-intimati appellaw għaliex:

(a) ġaladarba l-ewwel Qorti ħasset li ma tressqux il-provi opportuni, ma setgħetx tirritjeni li d-detenzjoni kienet illegali;

(b) ma nġiebet ebda prova li ma baqgħetx tissussisti r-raġuni li għaliha r-rikorrenti ġie mċaħħad mil-liberta provviżorja; prova *li kellha ssir mir-rikorrent*;

(ċ) mill-provi fil-proċess ma jirriżultax x'kienu r-raġunijiet tad-differimenti fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u l-Qorti ma setgħetx tippreżumihom;

(d) illi fis-sentenza stess hemm aċċettati raġunijiet li huma biżżejjed biex jippermettu l-Qorti tgħid li l-arrest tar-rikorrenti kien raġonevoli u ġustifikat, skond il-liġi;

Meta bdiet it-trattazzjoni ta' l-appell il-Qorti ġiet infurmata illi dak inhar stess tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti – il-libertà provviżorja ġiet konċessa lir-rikorrent mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);

L-ewwel aggravju – para. 3(a) *supra* – jirriferixxi għal dak li qalet is-sentenza appellata, f'din il-parti tagħha:

"Huwa veru li l-proċeduri kriminali relattivi għall-każ odjern, m'humiex ta' natura ta' kompilazzjoni, iżda huma proċeduri sommarji, u hemm dati ffissati għall-kontinwazzjoni tagħhom; però dan kollu ma jistax jippermetti li bniedem akkużat b'delitt bħal dak, fil-każ tar-rikorrenti, għandu jinżamm arrestat għal perijodu li jammonta għal parti sostanzjali mill-perijodu ta' priġunerija li għalih jista' jiġi kkundannat jekk jinstab ħati eventwalment";

Din il-kwotazzjoni turi illi l-ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni illi huwa eċċessiv u leżiv tad-drittijiet fundamentali ta' l-imputat **f'kawża sommarja,** li huwa jinżamm arrestat mid-**19 ta' Ottubru, 1990** sat-**2 ta' Mejju, 1991.** Dik il-Qorti wriet il-fehma illi **oġġettivament,** konsidrata l-piena stabbilita mil-liġi għar-reati li tagħhom kellu jirrispondi l-imputat – ma kien hemm ebda ġustifikazzjoni illi dawk il-proċeduri **sommarji** jieħdu dak it-tul kollu u matul dak il-perijodu kollu – kienu x'kienu id-diffikultajiet amministrattivi u ġudizzjarju għaliex dak il-proċess spiċċatlu kull sens ta' sommarjetà, u l-konsegwenza prinċipali kienet it-telf tal-libertà tar-rikorrent għall-istess tul ta' żmien. Is-sommarjetà – fil-proċessi ġudizzjarji – tfisser l-ewwelnett rapidità tal-proċediment;

Mill-kopji fotostatiċi ta' l-inkartament tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ppreżentati mir-rikorrent, jidher li l-provi kollha ġew konkjużi fit-18 ta' Frar, 1991;

Dak li din il-Qorti trid tosserva huwa li l-intimati b'ebda mod ma ttentaw li jagħmlu provi preċiżi rigward dak li kien issuċċieda sewwa sew quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk dak li ġie ppreżentat mir-rikorrent irid jittieħed bħala **l-prova,** speċjalment wara li tosserva illi fl-4 ta' Ġunju, 1991, il-verbal ta' l-ewwel Qorti jgħid:

"Id-difensuri jaqblu li jiġi ppreżentat (recte tiġi ppreżentata) kopja ta' l-inkartament tal-proċeduri kriminali, li huma relattivi għall-każ *(sic)*";

L-intimati ma indikaw ebda spjegazzjoni għaliex f'kawża kriminali sommarja li bdiet fid-19 ta' Ottubru, 1990 u ngħalqet fit-18 ta' Frar, 1991, (u erba' xhur diġa joħolqu pressjoni u tensjoni għall-konċett ta' sommarjetà) u **speċjalment,** bl-imputat fi stat ta' arrest jew detenzjoni – għaliex sat-2 ta' Mejju, 1991, id-data tar-rikors – f'xahrejn u nofs, is-sentenza kienet għad ma ġietx ippronunzjata. U huwa dan l-aspett tal-kwistjoni li mmotiva l-ġudizzju ta' l-ewwel Qorti, li evidentament, in-nuqqas ta' provi da parti ta' l-intimati, ma setgħux iżommuha milli tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha – **fl-24 ta' Lulju, 1991.** U dak li jiddisturba lil din il-Qorti huwa li sadanittant il-proċedura **sommarja** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sa din l-aħħar data, kienet għadha ma ġietx konkjuża – disa' xhur wara li kienet bdiet, u li sa dak inhar ukoll l-imputat kien għadu arrestat jew detenut – għal disa' xhur sħaħ;

6. L-aggravji l-oħra, huma t-tlieta riduċibbli għall-ewwel wieħed, inkwantu huwa varjazzjonijiet tat-tema prinċipali ta' l-appell, jiġifieri li l-ewwel Qorti mxiet mingħajr provi, jew ippreżumiet fatti li m'humiex ippruvati u simili;

Ċertament wara dak li ġie osservat rigward il-prova dokumentarja ta' l-inkartament tal-proċess quddiem il-Qorti Inferjuri, din il-Qorti ma tistax ma tiddeplorax l-atteġġjament ta' l-intimati – li fit-tielet paragrafu tar-rikors tagħhom jgħidu:

"Illi mill-atti proċesswali kriminali b'ebda mod ma kien jirriżulta r-raġunijiet għad-differimenti hemm verbalizzati, u għalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tippresumi li kien hemm xi vjolazzjoni tad-dritt għas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli..." ;

Din il-Qorti ma rnexxilhiex issib fis-sentenza appellata din l-allegata preżunzjoni da parti ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, però dak li trid tissottolinea huwa li "differimenti mingħajr raġunijiet" huma ħaġa gravi f'kull każ, u aktar u aktar fi proċeduri kriminali bl-imputat detenut jew arrestat, u l-intimat Kummissarju tal-Pulizija, parti in kawża, huwa responsabbli għal dawk il-mankanzi, li anki jekk jiġu kommessi minn min iniżżel il-proċessi verbali jew anki mill-istess Qorti – għandu l-mezz u d-dover li jissuplixxi u jikkoreġi jew jipprova jikkoreġi dawk il-mankanzi – biex jeħles minn kull responsabbilità. Mentri hawn – delplorevolment, l-istess intimat appellanti, qed jadduċi dawk in-nuqqasijiet – bħala aggravanti għall-kawża tiegħu, li huwa bil-maqlub ta' dak li hija l-posizzjoni ġuridikament (u speċjalment – kostituzzjonalment) korretta tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika bħala l-

prosekuturi – skond il-każ – ta' l-azzjoni kriminali ta' l-Istat kontra l-imputati jew l-akkużati b'reati kriminali;

L-uniku riliev li hemm fl-aggravji li ħaqqu jiġi akkolt huwa dak fejn l-ewwel Qorti fl-"*obiter dicta*", f'mument minnhom u **tra parentesi** kitbet:

"(jingħad li f'dan il-każ ir-rikorsi tiegħu (tar-rikorrent) kienu qed jiġu riġettati mingħajr ma jinġiebu quddiem il-Qorti)";

Dan huwa skorrett kemm għaliex il-Qorti ma tista' qatt tabbraċċja dak li qed "jingħad" jekk dan ma jkunx ukoll "ippruvat" u kemm għaliex fil-fotokopji tar-rikorsi jidhru wkoll id-digrieti tal-Qorti tal-Maġistrati meta r-rikors tpoġġa quddimeha, għalkemm huwa minnu li f'xi wħud m'hemmx indikazzjoni tad-digriet sussegwenti taċ-ċaħda tar-rikors;

Kif intqal – dan huwa skorrett, però din il-Qorti ma taqbilx ma' l-aggravji li din il-frażi appartata, tas-sentenza li l-ewwel Qorti "ibbażat ħafna" fuqha għall-eventwali ġudizzju tagħha. Il-konsiderazzjonijiet determinati huma dawk li ssemmew hawn fuq – (paragrafu 5);

Għaldaqstant l-appell huwa riġettat u s-sentenza hija kkonfermata;

Spejjeż ta' l-ewwel grad kif ġa regolati – dawk ta' dan l-appell għall-appellanti.